# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 27 ta' Ġunju, 2019**

**Numru 7**

**Rikors Numru 588/18TA**

**HSBC Bank Malta plc (C3177)**

**vs**

**Stephen Ciantar (KI Nru. 179980M) u Ilze Ciantar (KI Nru. 26533A)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-Bank Attur preżentat fis-6 ta' Ġunju, 2018 u maħluf fl-istess data minn Dr. Ralph Agius Fernandez li permezz tiegħu talab u ppremetta s-segwenti:-

"1. Illi l-bank rikorrenti kien ikkonċeda faċilita` ta' self lill-intimati, permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone datat il-5 ta' Ġunju tas-sena elfejn u sitta (2006) wara *sanction letter* maħruġa mill-istess Bank rikorrenti u datata 7 ta' Frar 2006, (kopja tal-kuntratt ta' self u *sanction letter* hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok. 'RAF1' u 'RAF2';

2. Illi l-bilanċ li għandhom iħallsu l-intimati huwa ta' wieħed u ħamsin elf tlett mija u tlieta u erbgħin Ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€51,343.63), rappreżentanti l-kapital, kif ukoll l-ammont ta' tlettax-il

elf seba' mija u erba' Ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€13,704.53), rappreżentanti interessi li ddekorrew sal-15 ta' Mejju 2018 u dana kif jirriżulta mill-anness *statement of account* immarkat Dok. 'RAF3';

3. Illi għalhekk l-intimati għandhom iħallsu lill-bank rikorrenti, is-somma kumplessiva ta' **ħamsa u sittin elf u tmienja u erbgħin Ewro u sittax-il ċenteżmu ċenteżmu (€65,048.16)**, in kwantu kapital u imgħaxijiet ikkalkulati sal-15 ta' Mejju 2018, u dan b'riżerva għal dawk l-imgħaxijiet legali dovuti mis-16 ta' Mejju 2018 sad-data tal-pagament effettiv;

4. Illi minkejja li l-intimati ġew interpellati mill-bank rikorrenti, anke permezz ta' ittra uffiċjali tas-26 ta' Frar, 2016 (Dok. 'RAF4'), huma baqgħu **inadempjenti**;

5. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, igħidu l-intimati, għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1) Tiddikjara li l-intimati għandhom jagħtu lill-bank rikorrenti is-somma ta' **ħamsa u sittin elf u tmienja u erbgħin Ewro u sittax-il ċenteżmu (€65, 048.16)**, in kwantu kapital u imgħaxijiet ikkalkulati sal-15 ta' Mejju 2018, u dana oltre dawk l-imgħaxijiet legali dovuti mis-16 ta' Mejju 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

2) Tikkundanna lill-intimata iħallsu lill-bank rikorrenti s-somma ta' **ħamsa u sittin elf u tmienja u erbgħin Ewro u sittax-il ċenteżmu ċenteżmu (€65,048.16)**, in kwantu kapital u imgħaxijiet ikkalkulati sal-15 ta' Mejju 2018, u dana oltre dawk l-imgħaxijiet legali dovuti mis-16 ta' Mejju 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż tal-ittra uffiċjali surreferita u bl-imgħaxijiet legali dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra l-intimata, li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni."

Rat li l-Konvenuti debitament notifikati skont il-liġi baqgħu ma għamlu ebda risposta u rrendew lilhom infushom fi stat ta' kontumaċja;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fil-mori tal-kawża;

Rat li fl-udjenza tat-2 ta' Mejju, 2019 il-Konvenuti mogħtija l-fakolta` li jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet ai termini tal-artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta baqgħu inadempjenti;

Rat ix-xhieda ta' Dr. Ralph Agius Fernandez fis-seduta tat-2 ta' Mejju, 2019.

**Punti ta' fatti**

Il-fatti huma sempliċi. Il-Konvenuti ġew konċessi faċilita` ta' self bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone tal-5 ta' Ġunju, 2006 u dan wara li inħarġet *sanction letter* lill-Konvenuti datata 7 ta' Frar, 2006 (a` fol 5 u 9).

Sal-ġurnata li ġie intavolat ir-rikors ġuramentat ċioe` fis-6 ta' Ġunju, 2018 l-ammont kien dak mitlub fil-kawża. Fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2019, Dr. Ralph Agius Fernandez xehed li l-ammont kien kiber għal €66,853.75 anke jekk kienu laħqu saru xi pagamenti (ara a fol 55 sa 60).

Jidher ukoll li minkejja li l-Konvenuti ġew debitament interpellati b'ittra uffiċjali fis-26 ta' Frar 2018 biex jirregolaw irwieħhom fil-ħlas, baqgħu inadempjenti (ara a` fol 20). Il-Qorti tosserva li mill-*istatements* esebiti jidher li l-Konvenuti kienu irregolari fil-ħlasijiet.

**Punti ta' liġi**

Il-kawża hija kjarament kostruwita fuq inadempjenza kontrattwali da parti tal-Konvenuti li kienu irregolari fil-ħlasijiet lura tas-self lilhom magħmul.

**Konsiderazzjonijiet**

Mill-provi prodotti lil din il-Qorti irriżultalha li l-Konvenuti ma humiex qegħdin joqogħdu ma kull ftehim li kellhom mal-Bank Attur fir-radd lura tal-flejjes lilhom mislufa. Għalkemm il-Konvenuti ġew debitament notifikati bl-ittra uffiċjali tas-26 ta' Frar, 2016 biex jirregolaw rwieħhom baqgħu inadempjenti fil-ħlas kif miftiehem u skont kull ftehim li kellhom.

Il-Qorti għalhekk tħoss li t-talbiet tal-Bank Attur huma ġustifikati u għandhom jiġu milqugħa għax huma fondati kemm fil-fatt u anke fid-dritt.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:-

**Tilqa'** l-ewwel talba tal-Bank Attur u tiddikjara li l-Konvenuti għandhom jagħtu lill-Bank Attur is-somma ta' ħamsa u sittin elf u tmienja u erbgħin Ewro u sittax-il ċenteżmu (€65,048.16), in kwantu kapital u imgħaxijiet ikkalkulati sal-15 ta' Mejju 2018, u dana oltre dawk l-imgħaxijiet legali dovuti mis-16 ta' Mejju 2018 sad-data tal-pagament effettiv;

**Tilqa'** t-tieni talba attriċi u tikkundanna lill-Konvenuti jħallsu lill-Bank Attur is-somma ta' ħamsa u sittin elf u tmienja u erbgħin Ewro u sittax-il ċenteżmu (€65,048.16), in kwantu kapital u imgħaxijiet ikkalkulati sal-15 ta' Mejju 2018, u dana oltre dawk l-imgħaxijiet legali kif mitluba.

Bl-ispejjeż a karigu tal-Konvenuti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**